# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 53**

**Rikors numru 797/21/1 LM**

**Ryan Refalo**

**v.**

**Avukat tal-Istat**

1. Ir-rikorrent appella mis-sentenza tat-30 ta' Novembru 2022 ["is-sentenza appellata"] li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, li kkonkludiet li m'hemmx ksur tal-jeddijiet fundamentali protetti bl-Artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"], u l-Artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] meta l-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba tiegħu sabiex tassumi funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga *a tenur* tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija) ["il-Kap. 537"].

**Preliminari**

2. Fil-qosor, il-fatti li wasslu għal dan il-każ kienu s-segwenti:

2.1. Fil-11 ta' Ġunju 2012, ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u ġie akkużat:

(1) b'pussess ta' kokaina li ma kinitx għall-użu personali tiegħu;

(2) li kkommetta l-imsemmi reat fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ;

(3) li ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' / bil-ponta mingħajr liċenzja;

(4) li attakka / għamel reżistenza bi vjolenza / b'ħebb kontra persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku fil-qadi ta' dmirijiethom;

(5) li kkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq PC 10 Trevor Cassar Mallia u WPC 127 C Gauci;

(6) li m’obdiex ordnijiet leġittimi tal-pulizija;

(7) li, bil-ħsieb li jagħmel delitt, ittenta jissoprimi jew b’xi mod ieħor jeqred jew ibiddel it-traċċi jew l-indizji ta’ reat;

(8) b’traffikar tar-raża *cannabis*;

(9) li kkommetta l-imsemmi reat fi jew ġewwa distanza ta’ mitt metru mill-perimetru ta’ skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ;

2.2. B’sentenza mogħtija fil-11 ta’ Mejju 2021 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali sabet ir-rikorrent mhux ħati tat-tieni, tat-tmien u tad-disa’ imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minnhom, filwaqt illi sabitu ħati tal-ewwel (inkwantu biss il-lejl ta’ bejn id-9 u l-10 ta’ Ġunju 2012), it-tielet, ir-raba’, il-ħames (iżda biss inkwantu l-feriti kkaġunati lil PC 10 Trevor Cassar Mallia u mhux lil WPC 127 Carmen Gauci), is-sitta u s-seba’ imputazzjonijiet u kkundannatu għall-piena komplessiva ta’ tnax-il (12) xahar priġunerija effettiva u multa ta’ elf u tliet mitt ewro (€1,300);

2.3. Permezz ta’ rikors tal-appell ippreżentat fis-26 ta’ Mejju 2021, ir-rikorrent talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tal-

11 ta' Mejju 2021 billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti tas-sentenza fejn sabitu mhux ħati tal-akkużi numru tnejn (2), tmienja (8), u disgħa (9), tħassar dik il-parti li sabitu ħati tal-ewwel (1), tielet (3), raba' (4), ħames (5), sitt (6) u seba' (7) akkuża u tilliberah minn kull ħtija u piena; jew alternattivament tirriforma l-istess sentenza fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ;

2.4. Fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2021 talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga skont l-Art. 8 tal-Kap. 537. Dik id-dispożizzjoni tipprovdi:

> *"8. (1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.*
>
> *(2) Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:*
>
> *..........*
>
> *(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;*
>
> *........."*

2.5. L-Avukat Ġenerali oġġezzjona għaliex sostna li minħabba l-akkużi numru tlieta (3), erbgħa (4) u ħamsa (5), l-akkużat ma jissodisfax il-kundizzjoni li tissemma f'Artikolu 8(2)(b) tal-Kap. 537 li tipprekludi lill-Qorti li tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga jekk ir-reat ikun seħħ bi vjolenza jew bl-użu ta' armi;

2.6. Fit-13 ta' Ottubru 2021 il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba tal-imputat sabiex tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga. Ir-raġunament ta' dik il-Qorti kien:

> *"Illi l-Qorti minnufih tistqarr illi l-Avukat Ġenerali għandu ragun fl-oġġezzjoni minnu ventilata. Illi huwa paċifiku illi r-reati addebitati lill-appellant permezz tal-proċeduri odjerni ma humiex unikament konnessi mar-reati marbuta mal-pussess jew traffikar ta'droga jew mediċina perikoluża. Minn daqqa t'għajn lejn iċ-ċitazzjoni jemerġi illi l-appellant huwa mixli inter alia bis-segwenti imputazzjonijiet:*
>
> > *3. Ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;*
> >
> > *Akkużat ukoll talli fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Ġunju 2012:*
> >
> > *4. Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qegħdin jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita` għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti;*
> >
> > *5. Ikkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq PC 10 Trevor Cassar Mallia u WPC 127 C Gauci, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qiegħed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita` kompetenti;*
>
> *Illi dan allura ifisser illi l-appellant huwa mixli b'reat volontarju kontra l-persuna u wkoll li mal-mument ta' l-arrest tieghu kien fil-pussess ta'*

*arma regolari, immaterjalment jekk l-Ewwel Qorti għaddietx biex tilliberah minn xi uħud mill-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u dan għaliex l-artikolu 8(2)(b) tal-Kap. 537 jipprekludi l-applikazzjoni tal-Att f'dawk il-kazijiet fejn il-persuna hija mixlija bir-reat/i hemmhekk infraskritt/i u mhux ukoll misjuba ħatja, għalkemm dik id-dikjarazzjoni ta' ħtija qed tiġi ikkontestata f'proċeduri ta' revizjoni. Dan għaliex meta l-leġislatur ħaseb għall-emenda fil-liġi sabiex jagħti s-setgħa lil qorti ta' reviżjoni sabiex tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga, dik il-parti tal-artikolu 8 li fuqha l-Avukat Ġenerali qed isejjes l-oġġezzjoni tiegħu baqgħet mhux mittiefsa, biex b'hekk din il-Qorti lanqas tista', qabel tikkonsidra t-talba ta' l-appellant, tqis l-aggravji minn mqanqla u għalhekk tistħarreġ il-ħtija o meno tiegħu għal dawn l-imputazzjonijiet. Dan ifisser illi l-Qorti ma tistax tilqa' t-talba tal-appellant".*

3. Fl-10 ta' Diċembru 2021 fetaħ kawża fejn ilmenta li l-Artikolu 8(2)(b) tal-Kap. 537: (i) jilledi d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq billi jikser il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza u huwa diskriminatorju; u (ii) joħloq nuqqas ta' ċertezza legali. Għalhekk talab lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla sabiex:

*"1. Tiddikjara illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq u illi ġie diskriminat u dan bi ksur tal-artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*2. Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi".*

4. Permezz ta' tweġiba ppreżentata fit-13 ta' Jannar 20222, l-Avukat tal-Istat wieġeb illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

5. B'sentenza mogħtija fit-30 ta' Novembru 2022 ["is-sentenza appellata"] l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent.

6. Sa fejn rilevanti għall-appell tar-rikorrent, ir-raġunament tal-Ewwel Qorti kien dan:

> *"6. Il-Qorti tagħraf li essenzjalment l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda d-disposizzjonijiet tal-para. (b) tas-subartikolu 8(2) tal-Kap. 537, li jikkontendi li jilledi d-dritt ta' smigħ xieraq, stante li jikser il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza, huwa diskriminatorju u anki joħloq nuqqas ta' ċertezza legali. L-artikolu 8 tal-Kap. 537 jipprovdi kif ġej:*
>
> *…………………..*
>
> *7. Ir-rikorrent jikkontendi li bil-kliem 'persuna akkużata hi mixlija' il-paragrafu (b) tas-subartikolu 8(2) suċitat, jilledi d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, għaliex b'hekk huwa jkun qed jiġi preżunt u mpoġġi f'pożizzjoni ta' ħtija qabel id-deċiżjoni finali fuq l-imputazzjoni li huwa mixli biha, u li huwa preżunt innoċenti fir-rigward tagħha. Huwa jagħmel riferiment għad-deċiżjonijiet tal-QEDB in sostenn tal-pożizzjoni tiegħu, iżda l-Qorti tgħid li dawn ir-referenzi, in partikolari s-siltiet ċitati, saħansitra jikkontradixxu l-argument tar-rikorrent. Fiż-żewġ każijiet, il-QEDB għamlet ċar li deċiżjoni li allegatament tmur kontra l-preżunzjoni tal-innoċenza essenzjalment tirrifletti opinjoni li l-akkużat huwa ħati. Issa fil-każ odjern, ma jistax jiġi kkunsidrat li b'xi mod ġiet espressa opinjoni ta' ħtija fil-konfront tar-rikorrent bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 8 tal-Kap. 537, partikolarment dawk tal-para. (b) tas-subartikolu (2) tiegħu. Għandu jingħad li dan tal-aħħar jitkellem fuq stat ta' fatt, jiġifieri li l-akkużat ma jinsabx mixli b'"...reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv", bħala waħda mill-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti sabiex il-Qorti Kriminali tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga. Iżda dan bl-ebda mod ma jista' jittieħed li jfisser li dan il-provvediment tal-liġi qed iwassal għal ġudizzju dwar il-ħtija o meno tal-akkużat, kif ukoll id-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ odjern, bl-ebda mod ma jista' jitqies li ddeċieda li r-rikorrent huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.*
>
> *8. Aktar minn hekk, ir-rikorrenti jikkontendi wkoll li d-diċitura tal-imsemmija disposizzjonijiet tal-Kap. 537, joħolqu diskriminazzjoni qawwija bejnu u persuni oħra, għaliex il-pulizija eżekuttiva xlietu b'akkużi ta' offiża volontarja u pussess ta' armi. Ir-rikorrenti hawnhekk mhuwiex qed ikun daqstant preċiż fl-ilment tiegħu, iżda mill-argumenti tiegħu l-Qorti tifhem li d-diskriminazzjoni li qiegħed jilmenta dwarha, tikkonsisti fil-fatt li fil-każ tiegħu l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet prekluża milli tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga minħabba n-natura tal-akkużi miġjuba kontrih, iżda dan mhux il-każ fir-rigward ta' persuni oħra li ma tressqux bl-istess akkużi. Il-Qorti tibda billi tosserva li r-rikorrent jonqos milli juri li huwa jgawdi minn xi jedd awtomatiku fejn huwa għandu jiġi ġudikat mill-Qorti dwar id-Droga minflok mill-Qorti tal-Appell Kriminali, punt kruċjali sabiex jirnexxi l-ilment tiegħu fir-rigward*

*tal-allegata diskriminazzjoni applikata fil-konfront tiegħu. Kif sewwa jirrileva r-rikorrent meta jqajjem id-diversi elementi li din il-Qorti għandha tistħarreġ meta tittratta dan l-ilment tiegħu, hija għandha tikkunsidra jekk l-imsemmi lment huwiex marbut ma' xi jedd ieħor imħares mill-Konvenzjoni. Il-Qorti hawn tfakkar dak li ġie ritenut diversi drabi dwar id-dipendenza tal-Artikolu 14 fuq id-drittijiet sostantivi l-oħra protetti mill-Konvenzjoni, kif imfisser tajjeb mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet* ***Avv. Dr. Joseph Brincat noe vs. Direttur tas-Sigurtà Socjali****, Q.Kos. 18/2004, deċiża fit-12 ta' Jannar, 2007:*

> *"kif gie ritenut diversi drabi mill-Qorti ta' Strasbourg, l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ma għandu ebda eżistenza indipendenti minn xi wieħed jew aktar mid-drittijiet sostantivi l-oħra protetti bl-istess Konvenzjoni; minkejja dan, però, jista' jkun hemm vjolazzjoni ta' dana l-Artikolu 14 mingħajr ma jkun hemm ukoll vjolazzjoni ta' artikolu sostantiv ieħor. Il-formulazzjoni klassika ta' dan il-prinċipju wieħed isibha fis-sentenza ta'* ***Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. U.K.*** *2, fejn ingħad hekk:*
>
> > *"Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to 'the enjoyment of the rights and freedoms' safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions -- and to this extent it is autonomous -- , there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter."*

*9. Għaldaqstant il-Qorti ssib li l-ilment tar-rikorrent dwar l-allegata diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu, ma jistax jirnexxi.*

*10. Jonqos li fl-aħħarnett il-Qorti tikkunsidra l-inċertezza legali li r-rikorrent jallega li joħloq il-para. (b) tas-subartikolu 8(2) tal-Kap. 537. L-argument tiegħu huwa li mhux ċar jekk għandux ikun hemm interpretazzjoni ristrettiva jew waħda wiesa' ta' dan il-provvediment. Filwaqt li jagħmel riferiment għad-diskors tal-Onor. Ministru Owen Bonnici waqt is-seduta tal-Kamra tad-Deputati tad-9 ta' Diċembru, 2014, jikkontendi li huwa ċar li l-ispirtu tal-imsemmi provvedimenti għandu jiġi nterpretat b'mod ristrett għal serq aggravat bil-vjolenza, jiġifieri bħal fil-każ ta' hold-up, u mhux fejn bħal fil-każ odjern instabu żewġ flick knives lil hinn mill-post fejn seħħ il-każ. Iżda kuntrarjament għal dak li r-rikorrent qiegħed jissottometti, il-Qorti ma tagħraf l-ebda inċertezza fil-liġi, li tikkunsidra li hija tassew ċara fl-intendiment tagħha. Tgħid li kliem l-Onor. Ministru Owen Bonnici kienu li kienu, u ma jistgħux jiġu interpretati kif jaqbel lir-rikorrent sabiex jitfgħu dubju u inċertezza dwar il-liġi li eventwalment ġiet promulgata, u li tagħmel tassew ċar meta Qorti Kriminali tista' jew ma tistax tikkonverti ruħha għal Qorti dwar id-Droga".*

7. Fir-rikors tal-appell ir-rikorrent ilmenta li l-ewwel Qorti interpretat ħażin kemm l-allegat ksur ta' smigħ xieraq u kif ukoll l-allegata diskriminazzjoni. Talab għalhekk lil din il-Qorti sabiex:

> *"tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi filwaqt li tilqa' t-talbiet kollha mressqa mir-rikorrenti, tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat, bl-ispejjeż tas-żewġ istanzi kontra tiegħu".*

8. L-Avukat tal-Istat wieġeb li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>:**

<u>L-Ewwel Aggravju</u>

9. Fl-ewwel aggravju r-rikorrent jisħaq illi l-ksur ta' smigħ xieraq jikkonsisti fil-fatt illi l-kriterju stabbilit fl-Artikolu 8(2) tal-Kap. 537, li huwa wieħed minn diversi kriterji kumulattivi oħra sabiex Qorti tkun tista' tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga, jiddependi mill-fatt li l-akkużat ma jkunx <u>mixli</u> wkoll b'reat volontarju kontra l-persuna jew b'att kriminali mwettaq waqt li kien fil-pussess ta' armi regulari. Jikkontendi li b'hekk huwa qiegħed jiġi '*preżunt u mpoġġi f'pożizzjoni ta' ħtija qabel id-deċiżjoni finali fuq l-imputazzjoni li huwa mixli biha'.*

10. Jilmenta mill-fatt li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ma sabitx ksur għaliex qieset li l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem [QEDB] "*għamlet ċar li deċiżjoni li allegatament tmur kontra l-preżunzjoni tal-innoċenza essenzjalment tirrifletti opinjoni li l-akkużat huwa ħati*" filwaqt li dan mhuwiex il-każ taħt l-Art. 8(2) tal-Kap. 537.

11. Ir-rikorrenti jsostni li:

> *"il-pern tal-ilment ma jitrattax deċiżjoni tal-Qorti li kienet leżiva iżda illi d-diċitura tal-liġi hija leżiva, u konsegwentement kwalsiasi deċiżjoni li tieħu l-Qorti abbażi ta' liġi li hija leżiva tkun leżiva ukoll.*
>
> *... il-fatt li d-diċitura u l-applikazzjoni tal-istess artikolu jiġi qabel il-ġudizzju finali, ma jagħtix l-opportunità lill-esponenti li jipprova l-innoċenza tiegħu, illi wara kollox hija dejjem preżunta qabel kwalsiasi ġudizzju finali".*

12. Sabiex isaħħaħ l-ewwel aggravju għamel referenza għas-sentenza **<u>Reuben Micallef v. Avukat tal-Istat</u>** tat-28 ta' Ġunju 2022 fejn il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ddeċidiet li l-Artikolu 8 tal-Kap. 537 "*huwa kjarament ksur sfaċċat tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u t-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni proprju bi ksur tal-kunċett ben assodat fi dritt fundamentali għal smigħ xieraq, u ċioe il-kunċett li kull persuna li fuqha jkun allegat reat kriminali hija preżunta innoċenti sakemm tgħaddi f'ġudizzju b'sentenza li hija res judicata".*

13. L-Avukat tal-Istat wieġeb illi s-sentenza ta' <u>Micallef</u> hi *sub judice* u li minflok din il-Qorti għandha ssegwi dak li ddeċidiet fis-sentenza **<u>Il-</u>**

**<u>Pulizija v. Andre Falzon et</u>** (31 ta' Awwissu, 2021). Jgħid li għalkemm f'dak il-każ kienu ġew attakkati t-*treshholds* tal-ammonti ta' droga li stabbilixxa l-leġiżlatur sabiex Qorti ta' ġurisdizzjoni Kriminali tkun tista' tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, ir-raġunament tal-Qorti f'dak il-każ li l-kriterji maħsuba fil-Kap. 537 ma jwasslu għal ebda ksur għaliex jaqgħu fid-diskrezzjoni wiesgħa li għandu l-leġiżlatur, japplika hawn ukoll.

14. L-Att dwar Dipendenza Fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija) (Kap. 537) kien introdott sabiex persuna li tinqabad fil-pussess ta' droga għall-użu personali tagħha u dipendenti fuq id-droga, tingħata l-għajnuna għal skop ta' riabilitazzjoni. Dan soġġett għal ċertu kundizzjonijiet li jissemmew f'Art. 8 u 13 ta' dik il-liġi, fosthom dik li l-akkużat ma jkunx ukoll akkużat b'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li kien fil-pussess ta' armi regolari jew bl-użu ta' nar jew splussiv.

15. Din il-Qorti diġà kellha l-opportunità tikkonsidra l-Art. 8 tal-Kap. 537. Hekk pereżempju:

i. **<u>Il-Pulizija v. Mario Zammit</u>** (Ref. Kost. 11/2016), sentenza tat-18 ta' Lulju 2017. L-ilment kien dwar l-Art. 8(1) minħabba l-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba ta' Zammit sabiex tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga għaliex il-liġi ma kinitx tippermetti li fl-istadju ta'

appell issir talba sabiex il-Qorti tikkonverti f'Qorti dwar id-Droga. Din il-Qorti kkonkludiet li ma kienx hemm ksur tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni. Madankollu sabet ksur tal-Art. 7 tal-Konvenzjoni peress li meta fis-sena 2004 ammetta l-akkużi bit-tama li jingħata piena inqas iebsa, ma setax kien jaf li snin wara ser tiġi promulgata liġi li tiffavorixxi l-pożizzjoni ta' min kien akkużat bħalu b'reati konnessi mad-droga. Iddikjarat għalhekk li n-nuqqas tal-applikazzjoni fil-konfront ta' Zammit tal-Artikolu 8 tal-Att I tas-sena 2005 fl-istadju ta' appell ikun leżiv tad-dritt tiegħu sanċit bl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

ii. **<u>Il-Pulizija v. Andre Falzon et</u>** tal-31 ta' Awwissu, 2021. L-ilment kien dwar ksur tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni u Art. 39 tal-Kostituzzjoni, relatat mal-fatt li l-akkużat ma setax jieħu benefiċċju mid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 573 minħabba l-ammont ta' droga nvoluta. Din il-Qorti qalet hekk fir-rigward:

> *"15. ... l-leġislatur igawdi minn diskrezzjoni fil-kriterji li hemm bżonn skont il-liġi sabiex akkużat igawdi mill-benefiċċji li jista' jkun intitolat għalihom taħt Kap. 537. Wara kollox apparti l-interess tal-privat, f'dawn il-każijiet hemm ukoll l-interess pubbliku.*
>
> *16. Evidenti li għal dawn it-tip ta' każijiet ittieħdet deċiżjoni li jiġi stabbilit limitu għal dak li jirrigwarda l-kwantita` ta' droga nvoluta fil-każ, peress li l-leġislatur irraġuna li iktar ma tkun il-kwantita` ta' droga nvoluta, iktar hu serju l-każ u l-akkużat m'għandux ikun intitolat li jieħu benefiċċju li l-każ tiegħu jinstema u jiġi deċiż mill-Qorti dwar id-Droga. F'dan ir-rigward ried jillimita l-każijiet fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni li tordna li l-każ ikun deċiż minn dik il-qorti speċjali.*
>
> *17. Wieħed jista' jaqbel jew ma jaqbilx ma' dik il-posizzjoni. Pero` il-Qorti tqis li taqa' fid-diskrezzjoni tal-leġislatur li jimponi dak il-massimu ta' piż ta' droga li għandha tkun involuta sabiex akkużat jieħu benefiċċju li l-każ ikun ikkunsidrat u deċiż mill-Qorti dwar id-Droga. Evidenti li l-*

*leġislatur f'dan ir-rigward ipprova jżomm bilanċ meta tqis is-serjeta` tar-reati konnessi mad-droga u l-ħsara kbira li tikkawża fis-soċjeta`. Dan ovvjament qiegħed jingħad b'referenza għall-ilment li għandha quddiemha l-ewwel Qorti, u li jirreferi għad-dritt tal-appellant li jkollu aċċess għall-Qorti dwar id-Droga. Tliet mitt (300) gramma, droga irrispettivament mit-tip li tkun, hu wkoll ammont konsiderevoli. Dan ma kienx xi każ fejn kien hemm involut formaliżmu eċċessiv li ssemma fil-każ **Zubac v. Croatia** (applikazzjoni numru 40160/12) tal-5 ta' April 2018. Każ li rrefera għalih ir-rikorrent f'paragrafu 20 tar-rikors tal-appell. Anzi f'dik is-sentenza l-Qorti qalet:*

> *"78. However, the right of access to the courts is not absolute but may be subject to limitations; these are permitted by implication since the right of access by its very nature calls for regulation by the State, which regulation may vary in time and in place according to the needs and resources of the community and of individuals (see Stanev v. Bulgaria [GC], no. 36760/06, § 230, ECHR 2012). In laying down such regulation, the Contracting States enjoy a certain margin of appreciation. Whilst the final decision as to observance of the Convention's requirements rests with the Court, it is no part of the Court's function to substitute for the assessment of the national authorities any other assessment of what might be the best policy in this field. Nonetheless, the limitations applied must not restrict the access left to the individual in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired. Furthermore, a limitation will not be compatible with Article 6 § 1 if it does not pursue a legitimate aim and if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved (see Lupeni Greek Catholic Parish and Others, cited above, § 89, with further references)".*

*Dan apparti li hemm kriterji oħra li għandhom jiġu sodisfatti sabiex persuna tkun intitolata li tidher quddiem dik il-Qorti. Kriterji li jissemmew f'subinċiż (2) tal-Art. 8 tal-Kap. 537 u li m'hemmx prova li f'dan il-każ partikolari ġew sodisfatti mill-appellant".*

iii. Christopher Bartolo vs. L-Avukat tal-Istat (255/20/3) deċiż fis-26 ta' April, 2022, fejn *inter alia* sar ilment simili għal dak li sar fil-każ ta' Zammit. Din il-Qorti reġgħet tenniet illi:

*"t-tħaddim tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jiddependi minn ċerti kundizzjonijiet ċari espressi mil-liġi nnifisha u dawk il-kundizzjonijiet jaqgħu fid-diskrezzjoni mogħtija lil-leġislatur u ma jikkostitwux ksur tal-jedd għal smigħ xieraq"*

16. Fil-każ tal-lum ir-rikorrent akkużat ukoll li wettaq reat volontarju kontra l-persuna u li kien fil-pussess ta' arma regolari.

17. Kemm l-Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni jridu illi kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jitqies li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati skont il-liġi. Dan ifisser illi:

> *"(1) when carrying out their duties, the members of a court should not start with the preconceived idea that the accused has committed the offence charged; (2) the burden of proof is on the prosecution, and (3) any doubt should benefit the accused (Barberà, Messegué and Jabardo v. Spain, 1988, § 77).*
>
> *344. Viewed as a procedural guarantee in the context of a criminal trial itself, the presumption of innocence imposes requirements in respect of, amongst others, the burden of proof (Telfner v. Austria, 2001, § 15); legal presumptions of fact and law (Salabiaku v. France, 1988, § 28; Radio France and Others v. France, 2004, § 24); the privilege against self-incrimination (Saunders v. the United Kingdom, 1996, § 68); pre-trial publicity (G.C.P. v. Romania, 2011, § 46); and premature expressions, by the trial court or by other public officials, of a defendant's guilt (Allenet de Ribemont, 1995, §§ 35-36, Nešťák v. Slovakia, 2007, § 88).*
>
> *345. Article 6 § 2 governs criminal proceedings in their entirety, irrespective of the outcome of the prosecution, and not solely the examination of the merits of the charge, Poncelet v. Belgium, 2010, § 50; Minelli v. Switzerland, 1983, § 30; Garycki v. Poland, 2007, § 68). Consequently, the presumption of innocence applies to the reasons given in a judgment acquitting the accused in its operative provisions, from which the reasoning cannot be dissociated. It may be breached if the reasoning reflects an opinion that the accused is in fact guilty (Cleve v. Germany, 2015, § 41)"*[1]

[1] *Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights, Right to a fair trial (criminal limb)*, maħruġ mill-QEDB hekk kif l-aħħar aġġiornat fil-31 ta' Awissu 2022

18. Il-fatt li l-Artikolu 8(2)(b) tal-Kap. 537 ma jippermettix li l-akkużat jiġi proċessat mill-Qorti dwar id-Drogi, ma jiksirx il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza. Bid-digriet li jingħata *ai termini* tal-Art. 8 jiġi determinat biss dwar jekk il-każ għandux jinstema' u jiġi deċiż mill-Qorti dwar id-Drogi jew jibqax jinstema' mill-qorti li tagħti d-digriet.

19. Id-deċiżjoni dwar jekk Qorti ta' ġurisdizzjoni Kriminali għandhiex tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Drogi jiddependi mir-reati li bihom persuna tkun akkużata. Meta jingħata digriet li bih qorti tiċħad talba sabiex il-każ jinstema' u jkun deċiż mill-Qorti dwar id-Drogi, il-qorti ma tkunx qiegħda tesprimi xi fehma u wisq inqas ma tkun qiegħda tiddeċiedi jekk l-akkużat huwiex ħati tar-reati li bihom ikun ġie akkużat. Id-deċiżjoni tal-Qorti dwar it-talba tal-akkużat sabiex il-każ tiegħu jinstema' mill-Qorti dwar id-Drogi, tkun bażata biss fuq ir-reati li bihom ikun akkużat il-persuna u xejn iktar. Hekk ġara fid-digriet li tat il-Qorti Kriminali fit-13 ta' Ottubru 2021, fejn il-Qorti bbażat id-deċiżjoni fuq ir-reati li bihom kien akkużat ir-rikorrent. Irrispettivament jiġix ġudikat mill-Qorti tal-Appell Kriminali jew Qorti dwar id-Drogi, il-każ tar-rikorrent ser jinstema' u jiġi deċiż quddiem Qorti mwaqqfa b'liġi u għadu preżunt innoċenti.

20. Għaldaqstant, tiċħad l-aggravju.

**<u>It-Tieni Aggravju</u>**

21. Permezz tat-tieni aggravju r-rikorrent jilmenta minn dik il-parti tas-sentenza appellata li ċaħdet l-ilment li l-Art. 8(2) tal-Kap. 537 jilledi l-jedd fundamentali protett taħt Art. 14 tal-Konvenzjoni u Art. 45 tal-Kostituzzjoni. Hu kkontesta r-raġunament tal-Ewwel Qorti għaliex, *"17. ..... il-lanjanza tal-allegata diskriminazzjoni fil-konfront tal-esponenti appellant hija proprju allaċċjata mal-ksur ta' smigħ xieraq u ċioe' dak sollevat u trattat in funditus fl-aggravju preċedenti"*.

22. Ġaladarba l-ilment dwar l-allegat ksur tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni ġie miċħud, it-tieni aggravju ma jistax ireġi fir-rigward tal-Art. 14 tal-Konvenzjoni. Dan meta tqis li Art. 14 jipprovdi:

> *"It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor".*

23. Art. 14 hu kumplimentari għad-drittijiet fundamentali l-oħra protetti taħt il-Konvenzjoni. Jagħti garanzija li persuna m'għandhiex tiġi diskriminata fit-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet li jissemmew fil-Konvenzjoni.

24. Fis-sentenza riċenti **<u>Mark Formosa v. Avukat Ġenerali</u>** li ngħatat fil-31 ta' Mejju 2023, din il-Qorti qalet:

*"25. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-aggravju huwa wkoll infondat għaliex il-mod kif tressaq l-ilment dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 14 mill-attur huwa improponibbli. Għalhekk huwa rrelevanti jekk il-konsiderazzjonijiet tal- Ewwel Qorti fil-mertu humiex korretti jew le. Kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea m'għandux eżistenza awtonoma, iżda huwa kumplimentari għad-drittijiet l-oħra protetti mill- istess Konvenzjoni. Għalhekk mhuwiex proponibbli lment ibbażat biss fuq l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, peress li tali lment jista' jsir biss jekk jiġi abbinat ma' xi dritt ieħor sanċit mill-Konvenzjoni. Fil-fatt, dan l-artikolu nnifsu jipprovdi illi l-projbizzjoni ta' agir jew trattament diskriminatorju kontemplata f'dan l-artikolu tirrigwarda l-garanzija tat-"tgawdija tad- drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni.". Kif ġie spjegat fis- sentenza fl-ismijiet* ***Molla Sali v. Greece*** *(QEDB, 19/12/2018):*

> *"The Court has consistently held that Article 14 of the Convention complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols thereto. Article 14 has no independent existence since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded thereby. Although the application of Article 14 does not presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of them. The prohibition of discrimination enshrined in Article 14 thus extends beyond the enjoyment of the rights and freedoms which the Convention and the Protocols thereto require each State to guarantee."*

*26. Għalhekk, ġaladarba l-attur naqas milli jabbina dan l-ilment ma' xi dritt jew libertà oħra kontemplata fl-istess Konvenzjoni, l-ilment tal-attur a bażi tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni huwa inammissibli u m'hemmx lok li din il-Qorti tidħol fi kwistjonijiet li jolqtu l-mertu ta' dan l-ilment"*.

25. Ir-rikorrent argumenta li bi ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, *"18... qiegħed jiġi diskriminat mill-istess liġi illi miegħu li kien mixli b'pussess ta' arma regolari qiegħda tuża kejl, filwaqt li ma' oħrajn illi jkunu mixlija b'reati li ma jaqgħux taħt tali preklużjoni jista' jiġi applikat għalihom artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta"*. Madankollu l-ilment dwar il-ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq ġie miċħud. Inoltre, il-paragun li għamel ir-rikorrent mhuwiex ta' *like with like*. Bil-mod li rraġuna r-rikorrent kull akkużat għandu jkollu dritt li jitlob lill-Qorti ta' ġurisdizzjoni

Kriminali sabiex tikkonverti ruħha bħala Qorti dwar id-Droga. Però dik ma kinitx l-intenzjoni tal-leġiżlatur, u dik l-għażla hi raġunata wkoll meta tqis li l-gravità ta' reati tvarja minn każ għall-ieħor.

26. Fir-rigward tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni m'hemmx dubju li l-ilment tar-rikorrent ma jaqax fit-tifsira tal-kelma 'diskriminatorju' li hemm fl-imsemmija dispożizzjoni, apparti l-fatt li fit-tieni aggravju r-rikorrent m'għamel l-ebda argument b'referenza għal dik id-dispożizzjoni.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

Tordna li kopja awtentika ta' din is-sentenza tintbagħat minnufih lill-Qorti tal-Appell Kriminali li quddiemha qiegħed jinstema' l-każ tar-rikorrent.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm